# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2594

Każ numru 3418/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Rodianne Borg
(ID 79891M)
u
Executive Security Services Ltd
(C45125)

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum : 29 ta' April, 2019**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat minn Rodianne Borg, fir-Reġistru tal-Qorti tal-Gustizzja nhar is-26 ta' Ottubru, 2015, kif ukoll fid-dikjarazzjoni tal-21 ta' Jannar 2016, fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll talbet sabiex tinghata kumpens gust.

Min-naħa tas-Socjeta' Executive Security Services Ltd, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata il-21 ta' Jannar 2016, esponiet il-posizzjoni taghha fejn l-impjegata kienet hi li abbandunat il-post tax-xoghol wara rifjut li tahdem sighat offruti lilha, kif ukoll li r-raguni kif mghotija fid-dikjarazzjoni lill-JobsPlus kienet wahda veritiera.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm ghoxrin (20) il- seduta, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru eccezzjonali ta' differimenti (13) mitluba miz-zewg partijiet kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

**2.1 Rodianne Borg**, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ ir-rikkorrenti kienet megħjuna mill-Avukati Carina Testa, u Anthea Whitney Turner, kif ukoll rapprezentant tal-GWU..

**2.2 Executive Security Services Ltd,** li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mill-Avukat Maria Cardona.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata fil-1 ta' Awissu, 2013, bhala *Private Guard* uq bażi *part-time indefinite,* u li fil-5 ta' Dicembru 2013, saret fuq bazi *full-time.* Fit-02 ta' Frar 2015, hi regghet giet impjegata fuq bazi *part-time* sakemm fis-27 ta' Gunju 2015 giet itterminata mill-impjieg ghall-ragun, kif riferuta fid-dokument tat-terminazzjoni, dik ta' **Rizenja.**

**4. Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrenti (Lista ta xhieda kif murija u dettaljata fid-dikjarazzjoni tal-21/01/2016.
**4.2** Xhieda min naha tas-Socjeta' intimata. ( Lista ta' xhieda kif murija u dettaljata fid-dikjarazzjoni 09/02/2016)

**5. Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti min-naħa tar-rikorrenti immarkati Doc A; dok RB1; dok RBC 1;2;3.
**5.2** kif ukoll dokumenti min naha tas-Socjeta' intimata immarkati minn dok A sa D.
**5.3** Gew ipprezentati kopja ta' dokumenti immarkati JS 1; 2 kif ukoll Dok SC 1 sa SC 3 (h).

**6. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**6.1 Stephen Ciangura** xhud f-isem is-Socjeta' intimata spjega kif wara li gew imwaqqfa xi kuntratti tax-xoghol, hu bhala *Administrator* tas-Socjeta' biddel l-impjieg ta' l-impjegati kollha f'wiehed *part-time* flok ittermina l-impjieg ta' numru ta' impjegati li kienu jahdmu fejn gie imwaqqaf il-kuntratt.
Ix-xhud ikkonferma li ir-rikorenti giet trasferita fuq bazi *part-time* fit 2 ta' Frar fejn hi kienet hadmet 96 siegha.

**6.2 L-Avv Maria Cardona** issotomettiet numru ta' messaggi (SMS's) li juru il-granet li r-rikorrenti ma kienetx tkun tista taghti is-servizzi taghha.(Rif Sed 16/11/2016 p 6).

**6.3 L-Avv Carina Testa: "***Qed nistaqsik x'kienet ir-raguni ghala tterminajtulha l-impjieg u mintiex tirrispondini?* (pag 12).
**Stephen Ciangura**: *Ma nistax inwiegbek jien ghax jiena ma nahdimx fuq ir-rosters.* (pag 13).
**L-Avv Maria Cardona:** "___________________.*Issa Is-Sinjorina Rodianne Borg inti taf meta infurmatkom jew jekk infurmatkomx illi mhux ser tigi iktar ghax-xoghol* ??
**Stephen Ciangura (xhud):** "Ma nafx .____________allahares niftakar." (pag 14).

**6.4 Rodianne Borg: "_____________***id-diskors tieghi hu li jiena b'600 euro ma nghaddix ahseb u ara bi 300 euro, u ha jkolli naghmel xi kors u nahseb xi haga ghalija*." (Sed 1/02/2017/ pag3).

**R.B:** "___________*gimgha qabel ma jispicca ix-xahar nibghatu e-mail fejn nghidu ahna x'ma nistghux nahdmu. Ghaliex ma nistax nghidlek,imma il-granet li jien ma nistax nahdem kienet iddahhalni xoghol."* (pag 5).

**R.**B: " ____________.*Normalment messaggi konna niftehmu meta ma nistghux. Just roster konna niftehmu b'e-mails*." (pag 5).

**R.B: "______________________.***Niftakar li kien il-Hadd. Ghedtlu (lis Sur Ciangura) jiena ghadni minghajr roster ui ma nafx x'se jigri. Mr Ciangura qalli li ma jaf xejn.*_________*nbaghad nerga nkellmek lura*_____*". (pag10)*

**L-Avv Maria Cardona: "** *The roster for the month of July 2015. Now her last day we said was 27 June 2015. At that stage when would you give out the roster to her? (pag 13)*

**Giorgiana Lupu HR officer: "** *I couldn't say that I give it for one month or one week because sometimes it happened I give it day by day, sometime week by week." (pag13).*

**Paul Micallef Ass Seg GWU:** meta cempel lis-Sur Ciangura **" ____________***semmejtlu l-persuna qalli Rodianne Borg qalli ssemmijilix din,* __________*issemmijilix igifieri ssaqsinix. Fil-fatt ghaddieli kumment qalli speci ta jekk trid zommha inti. Speci mbaghad ma ried bl-ebda mod illi huwa jerga' jimjegaha.*" (Sed 9/04/2018 pag2).

**Paul Micallef Ass Seg GWU:** *" ______________.Apparentament kien hemm xi kwistjoni kien hemm kaz fuq il-kulur tax-xaghar ta' Rodienne Borg. Apparentament li- U gara xi haga li ma accettahiex.*

7. **Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**7.1 L-Avv. A. Witney Turner :** ghar-rikkorenti, spjegat kif meta ir-rikorent kienet kull gimgha tircievi ir-roster ghall-gimgha ta wara. F'Gunju tat-2015, baghtet messagg proprju fl-Imnarja titlob ir-*roster* ghall-gimgha ta' wara u ghax-xahar ta' wara imma ir-*roster* ma waslitx. Mhux talli ma waslitx talli rceviet terminazzjoni da parti tas-Socjeta' intimate, tghid illi hi irrizenjat minhabba li ma baqghatx tattendi aktar ghax-xoghol.

**7.2 L-Avv Maria Cardona:** ghas-Socjeta' intimata ittrattat fuq l-inkonsistenza tax-xhieda mghotija mir-rikorrenti. Irreferiet ghal kors li kienet bdiet ir-rikorrentii u li dan kien sar priorita' ghalija, kif ukoll b'riferenza ghax-xhieda tas-Sur Ciangura kien semma is-sieghat li kienet tahdem Rodianne Borg qabel hi stess ghazlet li ma tersaqx iktar lejn il-post tax-xoghol. **L-Avv Maria Cardona** elenkat is-sieghat kolla li kienet hadmet ir-rikorrentii min Jannnar sa Gunju 2015.

**L-Avv Maria Cardona :** irreferiet ghall-messagg ta' Giorgiana Lupu meta qaltilha, l-ewwel irrid naghti xoghol lill- *full-timers* u qeghdin ninterpretaw dak il-messagg bhala terminazzjoni mentri mhuwiex hekk. Ma jezistix messagg wiehed fejn is-Socjeta' initimata qaltilha inti gejt imkeccija.__________sosstniet li t-terminazzjoni tar-rikkorrenti ma kienetx tkeccija jew rizenja.

8 **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal f'dan il-kaz ha kont ta' dawn l-aspetti fejn ir-rikorrenti kienet impjegata ghal numru ta' snin u kienet hadmet kemm bhala *part-time* kif ukoll *full-time*, hi, accettat li minhabba cirkustanzi li inholqu lis-Socjeta' intimata u kompliet tahdem bhala *part-time*, b'effet negattiv ghal introjtu finanzjarju taghha. Ir-rikorrenti, matul il-hajja lavorattiva taghha, qatt ma giet murija li kellha nuqqasijiet jew ittiehdet xi forma ta' dixxiplina kontriha.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' ghaxar messaggi elektronici (SMS's), mibghuta mir-rikkorenti kif prezentati mis-Socjeta' intimata Dok A, liema messaggi kienu jirreferu ghal-procedura uzata ta' kif ir-rikorrenti kienet tikkonferma il-granet u hinijiet tax-xoghol rikjesti mis-Socjeta' intimata. Fl-ebda messagg ma instab li hi kienet qed turi li ma setghetx tahdem, anzi meta setghet tahdem . Kien il-messagg bhala risposta minn naha tas-Socjeta' initmata datat 29 ta' Gunju fis-2.23pm, fejn intqal li " _______***regarding your roster I am sorry but I have the full-timers and I need to give them the hours".*** Dan il-messagg kien jindika li ghar-rikorrentii ma kienx hemm sieghat ghax l-ewwel kienu ser jiehduhom il-*full-timers*.

It-Tribunal jinnota li f'messagg mibghut mir-rikorenti, datat 15 ta' Lulju, fit 12.43hrs li kien hmistax il-gurnata wara l-email tas-Socjeta' initmata, fejn ir-rikorrenti irreferiet ghat-*termination form*, "____________***Just to remind you about my end of termination form***________" (Rif Doc A ).

It-Tribunal Industrijali jifhem il-kuntest tas-servizz ta' sigurta mghoti mis-Socjeta' intimata, li dan jirrikjedi tqassim komplikat ta' sieghat tax-xoghol lill-impjegati kemm *full-time* kif ukoll *part-time*. Filwaqt lis-Socjeta' intimata taf ukoll kemm huwa difficcli sabiex issib haddiema biex jahdmu f'dan is-

settur, jidher li ma ghamlet l-ebda sforz sabiex tara kif issib mod prattiku u tikkonferma jekk ir-rikorrenti rieditx tibqa' tahdem mas-Socjeta' intimata, izda ghazlet it-triq li thalli impjegata *part-time* f'vacuum bla risposta ta' meta u x'hin ser tinghata hinijiet tax-xoghol, bi skuza li l-ewwel trid taghti is-sieghat lill-*full-timers*. It-Tribunal jaghraf li ir-riferenza ghat-*termination form* saret hmistax-il gurnata wara li ir-rikorrenti qatt ma giet ikkuntatjata meta ser tigi mghajta ghax-xoghol, ghalhekk minn naha tar-rikorrenti kienet ghazla li titlob ghall-formola tat-terminazzjoni sabiex hi tkun tista tirregolarizza ruhha u tkompli fil-hajja lavorattiva taghha, u dan bl-ebda mod ma kien jikkonstata **Rizenja**.

It-Tribunal Industrijali jemmen li fil-kamp industrijali ir-responsabbilita' ta' l-impjegati hija kbira hafna sabiex jipprotegu il-post tax-xoghol taghhom, izda daqstant hija ir-responsabilita' ta' min jimpjega li jara li jaghmel minn kollox fil-linji ragonevoli li jipprotegi lill-impjegati sabiex ma jigux kostretti li jitilqu mill-post tax-xoghol minhabba nuqqas ta' komminikazzjoni jew ragunjiet kapriccuzi. It-Tribunal igib ghal attenzjoni ta' minn jimpjega li meta jigi pprezentat b'**Rizenja** ghandu jaghti zmien ragonevoli biex tigi stabbilita r-raguni formalment, sabiex tittiehed decizjoni u jigi evitat kull ekwivolku, bhal fil-kaz odjern. (Rif Kwik-fit(GB) Ltd vs Lineham ICR 183 IRLR 156 (1992) 4 LS Gaz R 31 EAT.

F'dan il-kaz it-Tribunal Industrijali isib l-elementi li juru kemm nuqqas ta' kommunikazzjoni serja kif ukoll ragunijiet mhux daqstant b'sahhithom li kellhom iwasslu il- waqfien mill-impjieg tar-rikorrenti ghal raguni ta' **Rizenja**. Aktar minn hekk, ir-raguni fit-terminazzjoni ta' l-impjieg titnizzel bhala dik ta' rizenja b'data ta' jumejn qabel ma sehh l-ahhar messagg minghand ir-rikorrenti, meta fil-mori tax-xhieda gew indikati diversi ragunijiet ohra.

**9 Decizjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ha inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, fehem u gharaf li dan kien kaz fejn indubbjament il-kommunikazzjoni bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata, kienet il-kawza magguri ta' dak li gara. It-Tribunal jindika ukoll li l-andament kif tittiehed decizjoni sabiex ir-rikorrenti tigi imwaqqfa mill-impjieg minghajr l-ebda hjiel ta' procedura bazika, kienet wahda inaccettabbli, li irrizulta f'detriment ta' telf ta' impjieg ghaz-zewg partijiet, ghalhekk it-Tribunal dejjem sosstna li **Rizenja** trid tkun cara u inekwivoka, sabiex dak li ntqal ma jhalli l-ebda dubbju. Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni mill-impjieg ma kienetx wahda gusta u skond il-Ligi.

F'dan il-kaz odjern it-Tribunal ha inkunsiderazzjoni li ir-rikorrenti, damet sena bla impjieg, kienet f'eta li il-prospetti ghall impjieg kienu posittivi, kif ukoll hi kienet qed iggedded il-kapacitajiet taghha sabiex issib impjieg iehor, kif fil-fatt ghamlet. Ghalhekk filwaqt lis-Socjeta' intimata ghandha thallas kumpens ta' elf euro (€1,000) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett gimghat minn din id-decizioni, jaghti direzzjoni lir-rikorrenti li tintavola talba quddiem l-Awtorita kompetenti, sic l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol, sabiex timbiddlilha ir-raguni tat-terminazzjoni tax-xoghol.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17 (tlieta u disghin euro u sbatax-il ċenteżmu).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat : Is-sur James H. Pearsall**

**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segetarja